MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 703/2004

**HSBC Home Loans (Malta) Ltd**

**vs**

**Alfred Pisani u Giovanna sive Joan Pisani**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti:

1. B'att pubbliku ta' l-ewwel (1) ta' Frar, 1996, fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien ir-rikorrent (dak iz-zmien maghruf bl-isem ta' Lohombus Bank Limited) ta' b'titolu ta' self lill-intimati Alfred u Joan konjugi Pisani li bl-istess titolu flimkien u solidalment bejniethom accettaw is-somma ta' sittax 'l-elf lira (Lm16,000), bil-pattijiet u kondizzjonijiet miftehma fl-istess kuntratt hawn anness u markat "Dok A";

2. Dan il-kuntratt gie rez ezekuttiv b'ittra ufficcjali tat-8 ta' Gunju, 1998 (*"Dok B"*);

3. Ghaddew aktar minn hames snin minn din id-data;

4. Id-debitu ghadu ma thallasx;

5. Ghaldaqstant s-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi *ai termini* tal-Art. 258 tal-Kap. 12 dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-imsemmi kuntratt tal-1 ta' Frar, 1996, jerga' jigi rez ezekuttiv.

Rat illi r-rikors giet debitament notifikata lill-intimati li naqsu li jipprezentaw risposta u hekk baqghu kontumaci, u lanqas ma deheru fl-udjenza biex occorrendo jikkontestaw it-talba tas-socjeta' rikorrenti;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-intimati tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------